**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 13 ta' Frar 2025**

**Kawża Numru: 8/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Alfredo Mangion)**

**kontra**

**Bjorn Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Bjorn Grima** ta' ħamsa u tletin (35) sena, iben Vincent u Vincenza nee' Spiteri, imwieled il-Pieta', nhar it-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u ħamsa u tmenin (1985), residenti ġewwa numru tnejn u sittin (62), Flat numru wieħed (1), Triq Gafar, Sliema u detentur tal-Karta ta' l-identita numru 344185M, li jinsab akkużat talli nhar l-għoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) ġewwa dawn il-Gżejjer:-

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-Raba' (4) u s-Sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi

Perikolużi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**;

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-Raba' (4) u s-Sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dott. Audrey Demicoli LL.D. nhar is-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), f'dan li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

   Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mil-arrest ta' l-imsemmi Bjorn Grima u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat, kif ukoll tordna li s-somma ta' erbatax-il elf ewro (€14,000) bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tordna ukoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-Digriet ta' Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri ta' nhar id-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), li permezz tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta[1];

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat tnejn u għoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), maħruġ ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, li permezz tiegħu l-Avukat Ġenerali ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza[2];

Semgħet fis-seduta ta' nhar id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), lill-partijiet jiddikjaraw li kienu qegħdin jezentaw lil din il-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' lix-xhieda li kienu diġa xehdu u l-provi li kienu miġjuba f'dawn il-proċeduri qabel ma din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi fl-udjenza ta' nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu[3];

Rat illi fl-istess udjenza l-imputat tpoġġa taħt Ordni Temporanja ta' Superviżjoni[4]- u rat in-noti ta' andament preżentati mill-Uffiċjal tal-Probation;

Rat illi fis-seduta ta' nhar l-għoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), id-difiża talbet lil din il-Qorti kif diversament preseduta sabiex ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, kif ukoll talbet in-nomina ta' espert psikologu;

Rat illi fl-istess seduta din il-Qorti laqgħet it-talba tad-difiża sabiex tressaq il-provi in sostenn tat-talba tagħha, kif ukoll innominat lil Dr. Roberta Holland sabiex tagħmel il-kostatazzjonijiet tagħha ai fini tat-talba magħmula mid-difiża;

---

[1] A fol 224 tal-atti proċesswali
[2] A fol. 6 tal-atti proċesswali
[3] A fol. 3 tal-atti proċesswali
[4] A fol. 18A tal-atti proċesswali

Rat illi nhar il-ħmistax (15) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), xehdet Dr. Roberta Holland li preżentat ir-rapport tagħha;

Rat illi permezz ta' digriet ta' nhar is-sebgħa (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), din il-Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u ai termini ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta rriferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga[5];

Rat in-nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ta' nhar l-għoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), minn fejn jirriżulta li l-Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat u għalaq il-każ tiegħu b'suċċess[6];

Semgħet id-depozizzjoni tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ta' nhar is-sebgħa (7) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u tas-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u rat li ma kinetx tirriżulta l-ħtieġa li din il-Qorti ssejjaħ kawżi oħra rigwardanti l-imputat[7];

Semgħet lill-prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti;

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-abbli avukat difensur;

**Ikkunsidrat :-**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi :-

L-**Ispettur Alfredo Mangion**[8] xehed illi fl-għoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), kien *duty officer* ġewwa t-Taqsima ta' kontra d-Drogi u daħlet informazzjoni kunfidenzjali fuq ċertu Bjorn Grima, li x'aktarx kien ser jitla' Għawdex permezz tal-vapur u kien ser ikollu sustanza lleċita fil-pussess tiegħu. Huwa ta struzzjonijiet lil PS 891 Oscar Baldacchino, PS 579 Antoine Micallef, PC 1183 Oliver Borg, PC 101 Raznai Gaffarena, PC 2298 Stephanie Spiteri, PC 2368 Shannon Azzopardi u lil PC 3139 Nikolai Borg sabiex iwettqu osservazzjonijiet min-naħa tagħhom. Kienet daħlet informazzjoni ukoll li l-istess

[5] A fol. 249 tal-atti proċesswali
[6] A fol. 334 u 339 tal-atti proċesswali
[7] A fol. 333 tal-atti proċesswali
[8] A fol. 33 tal-atti proċesswali

Grima kien qiegħed juża vettura tal-għamla Kia ta' kulur griż, bin-numru ta' reġistrazzjoni CCO 131.

L-Ispettur Mangion igħid li ftit wara s-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (5.45 p.m), huwa ġie nfurmat illi l-imsemmija vettura kienet twaqfet fl-inħawi tat-terminal taċ-Ċirkewwa u ġew arrestati żewġ persuni, Bjorn Grima li għaraf bħala l-imputat preżenti fl-awla u ċerta Brenda Muscat. Minn tfittxija li saret fil-vettura, instab ballun imgeżwer fil-*masking tape* b'sustanza bajda suspettata droga Kokaina. Huwa nforma lill-Maġistrat tal-għassa Dr. Gabriella Vella u dawn iż-żewġ persuni nżammu arrestati. Minn ġewwa l-vettura ġew elevati ukoll is-somma ta disa' mitt euro (€900) fi flus kontanti, roll *masking tape* li jikkorispondi ma l-istess *sachet* li instab fil-karozza, żewg *mobile phones* u xi SIM card. Sussegwentament huwa ta struzzjonijiet illi ssir tfittxija ġewwa r-residenza ta' Bjorn Grima ġewwa tas-Sliema, fejn ġie nfurmat illi nstab *sachet* b'sustanza bajda suspettata droga Kokaina.

L-Ispettur Mangion ppreżenta *evidence bag* bin-numru S01351106 kontenenti l-flus kontanti, li ġie mmarkat bħala 'Dok AM1', *evidence bag* bin-numru S01351107 kontenenti s-sustanza mgeżwra fil-*masking tape* li ġie mmarkat bħala 'Dok AM2', *evidence bag* oħra bin-numru S00761646 kontenenti *sachet* b'sustanza bajda suspettata droga Kokaina li ġie mmarkat bħala 'Dok AM3', *evidence bag* bin-numru MC 00016943 kontenenti roll tal-*masking tape* li ġie mmarkat bħala 'Dok AM4', kif ukoll *evidence bag* bin-numru S01351109 kontenenti żewġ *mobile phones* u SIM card li ġie mmarkat bħala 'Dok AM5'.

L-għada ħa stqarrija lil Brenda Muscast, fil-preżenza ta' PS 2333 Alana Caruana, fejn stqarret li hija kienet ilha taf lil Bjorn Grima għal ftit żmien u qalet li ma kinitx taf li Bjorn kien qed iġorr din is-sustanza. Ittieħdet ukoll stqarrija tal-imputat, fil-preżenza ta' PC 1124 Steve Borg, fejn wara li ngħata d-drittijiet legali tiegħu, huwa kkonsulta ma Dr. Amadeus Cachia, li kien ukoll preżenti għall-istqarrija. Ix-xhud għaraf il-firma tiegħu, il-firma ta' Bjorn Grima u l-firma ta' PC 1124 Steve Borg, fuq l-istqarrija eżebita in atti[9]. Huwa preżenta ukoll vera kopja ta' Digriet datat sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) li permezz tiegħu l-imputat

[9] A fol. 12 tal-atti proċesswali

ingħata l-ħelsien mill-arrest fi proċeduri oħra, liema Digriet ġie mmarkat bħala 'Dok AM 6'[10].

**PS 891 Oscar Baldacchino**[11] xehed illi fl-għoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), il-Pulizija kellha informazzjoni kunfidenzjali li Bjorn Grima li għaraf bħala l-imputat preżenti fl-awla, kien ser jitla' Għawdex u jtella' xi droga miegħu. Għalhekk segwew il-passi tiegħu u għal ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (5.45 p.m), x'ħin wasal ħdejn il-*ferry* taċ-Ċirkewwa, huma waqfu l-vettura li kien qiegħed isuq tal-għamla Kia Sportage ta' kulur griż, bin-numru ta' reġistrazzjoni CCO 131. Huwa kien fil-kumpanija ta' ċerta Brenda Muscat. Saret tfittxija fil-vettura fejn instab "*boċċu imgeżwer fil-masking tape",* li ġie elevat mill-bieba tan-naħa tax-xufier. Ġew elevati ukoll żewġ *mobile phones*, kif ukoll *roll* tal-*masking tape* minn fuq id-*dashboard* tal-imsemmija vettura. Sussegwentement, huwa flimkien ma Pulizija mara kien eskorta lil Brenda Muscat lejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Muri 'Dok AM2', 'Dok AM4' u 'Dok AM5' jikkonferma li huma l-istess oġġetti li għamel referenza għalihom fix-xhieda tiegħu. Igħid li huwa ma kienx involut fl-elevar tal-qratas u l-flus.

**PS 579 Antoine Micallef** [12] xehed u kkonferma li nhar l-għoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija (6 p.m.) kellhom istruzzjonijiet sabiex iwaqqfu vettura tal-għamla Kia Sportage bin-numru ta' reġistrazzjoni CCO 131, li kienet qegħda tistenna fil-*queue* sabiex titla' fuq il-vapur ta' Għadwex. Huwa għaraf lill-imputat bħala s-sewwieq tal-vettura li waqfu. Igħid li minn tfittxija li saret fil-vettura, ġiet elevata boċċa mdawwra bit-*tape* suspettat li kien fiha d-droga, li kienet fil-bieba tax-xufier. Ġew elevati ukoll *mobile* phone tal-għamla Nokia ta' kulur iswed, is-somma ta' disa' mitt ewro (€900) fi flus kontanti, kif ukoll *mobile phone* tal-għamla *Samsung*. Igħid li l-imputat ġie arestat għal iktar stħarriġ u wara saret tfittxija fir-residenza tiegħu, fil-fond numru tnejn u sittin (62), Flat numru wieħed (1), Gafar Street, Sliema, fejn mill-kċina elevaw qartas bi trab abjad. PS 579 igħid li l-oġġetti elevati ġew mgħoddija lill-Ispettur Alfredo Mangion. Muri d-dokumenti mmarkati bħala 'Dok AM1', 'Dok AM2', 'Dok AM3', 'Dok AM4' u 'Dok AM5', ix-xhud jagħrafhom bħala l-oġġetti li ġew elevati mill-vettura u mir-residenza tal-imputat.

[10] A fol. 39 tal-atti proċesswali
[11] A fol. 40 tal-atti proċesswali
[12] A fol. 43 tal-atti proċesswali

**PS 101 Raznai Gaffarena**[13] xehed illi fl-għoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), huwa u l-kollegi tiegħu, kienu rċevew istruzzjonijiet sabiex iwaqqfu vettura tal-għamla Kia Sportage bin-numru ta' reġistrazzjoni CCO 131 u dan in konnessjoni ma traffikar ta' droga. Huwa jikkonferma li għall-ħabta tas-sitta neqsin għaxra ta' filgħaxija (5.50 p.m.), waqfu din il-vettura waqt li kienet fit-terminal taċ-Ċirkewwa. Jispjega li x-xufier ta' din il-vettura, kien l-imputat preżenti fl-awla, li kien flimkien ma' ċerta Brenda Muscat. Saret tfittxija fuq il-persuna tal-imputat u nstabet is-somma ta' disa' mitt ewro (€900) fi flus kontanti, flimkien ma *mobile phone* tal-għamla Samsung. Fil-vettura instabu roll *masking tape*, kif ukoll "*boċċu imdawwar bil-masking tape"* suspettat li kien jikkontjeni d-droga, li nstab fil-bieba tan-naħa tax-xufier. Moħbija taħt is-*seat*, kien hemm ukoll *mobile phone* tal-għamla Nokia, flimkien ma' diversi notamenti oħra. Fil-karozza nstabu ukoll SIM cards u ċwievet. Sussegwentement l-imputat ittieħed il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għal iktar investigazzjoni. PS 101 gharaf id-dokumenti eżebiti u mmarkati bħala 'Dok AM1', 'Dok AM2', 'Dok AM3', 'Dok AM4' u 'Dok AM5'.

**PC 1183 Oliver Borg**[14] xehed illi fl-għoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), huwa kien xogħol flimkien ma PS 891 u xi membri oħra tal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga. Igħid li kellhom struzzjonijiet mill-Ispettur Alfredo Mangion, sabiex iwaqqfu vettura tal-għamla Kia Sportage, li kellha tkun misjuqa minn ċertu Bjorn Grima. Igħid li din il-vettura ġiet imwaqqfa għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija (6 p.m.), ġewwa ċ-Ċirkewwa meta kienet fil-*queue* għall-vapur ta' Għawdex. Huwa jispjega li f'kompartment fil-bieba tal-vettura, sab bħal pakkett imdawwar bil-*masking tape*, li l-imputat ammetta miegħu li kien fih id-droga. Minnufih tah id-drittijiet tiegħu u baqgħu għaddejjin bit-tfittxija. Jaf li PC 101 kien sab ammont ta' flus, żewg *mobile phones* u xi dokumenti fil-karozza. Wara eskortaw lill-imputat lejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għal aktar investigazzjoni. Ix-xhud stqarr li l-imputat ikkopera bi sħiħ matul l-investigazzjoni u saħansitra anke urieh b'għajnejh fejn kellu d-droga. Huwa ppreżenta l-*prime note* meħuda minnu dakinhar stess li ġew immarkati bħala 'Dok OB1'[15]. Igħid li jiftakar

[13] A fol. 46 tal-atti proċesswali
[14] A fol. 55 tal-atti proċesswali
[15] A fol. 61 tal-atti proċesswali

li l-imputat kien indikalu b'għajnejh fejn kienet id-droga pero in kontro-eżami jgħid li ma jiftakarx eżatt xi kliem intqal minnu dak il-ħin.
**PC 2298 Stephanie Spiteri**[16] ikkonfermat illi nhar l-għoxrin (20) ta' Jannar, tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), kienet ġiet imwaqqfa vettura tal-għamla Kia Sportage bin-numru ta' reġistrazzjoni CCO 131, li kienet misjuqa minn ċertu Bjorn Grima, li x-xhud għarfet bħala l-imputat fl-awla u miegħu kien hemm ċerta Brenda Muscat bħala passiġġiera. Din il-vettura twaqqfet fil-*ferry terminal* taċ-Ċirkewwa u saret tfittxija ġo fiha. Hija tispjega li waqt li PS 891 kien qiegħed jagħmel tfittxija fil-vettura, hija kienet qegħda fuq in-naħa l-oħra tal-vettura u rat li mill-bieba tax-xufier PS 891 ħareg "*boċċu li kien imrembel bit-tape*". Tgħid li saret ukoll tfittxija fuq il-persuna ta' Brenda Muscat, iżda ma nstab xejn illegali. In kontro-eżami, tgħid li ma kinitx viċin tal-imputat u għalhekk ma tistax tgħid jekk l-imputat kienx qal xi diskors lill-Pulizija.

**Brian Farrugia**[17] għan-nom u in rappreżentanza ta' *Transport Malta*, mitlub jgħid fuq min hija reġistrata l-vettura tal-għamla Kia Sportage bin-numru ta' reġistrazzjoni CCO 131, igħid li din hija reġistrata fuq ċertu Roderick Grima bil-karta tal-identita' numru 41777(M) u li ilha reġistrata fuq ismu sa mill-erbgħa (4) ta' April tas-sena elfejn u għoxrin (2020). Ix-xhud esebixxa d-dokumentazzjoni relattiva li ġiet immarkata bħala 'Dok BF1'[18].

**Brenda Muscat**[19], wara li ngħatat il-*caution,* tgħid li qegħda tagħraf lil Bjorn Grima bħala l-imputat fl-awla u tgħid li kienet iltaqgħet miegħu il-*Queen Victoria* u kienu imorru jieklu Għawdex. Tiftakar li darba minnhom, f'Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), waqt li kienu fil *ferry terminal* taċ-Ċirkewwa, waqqfuhom il-Pulzija waqt li kienu fil-vettura tal-għamla Kia Sportage. Tgħid li hija kienet passiġġiera waqt li Bjorn Grima kien is-sewwieq. Il-Pulizija nisa ħaduha fit-*toilet* u għamlulha tfittxija fuq il-persuna tagħha. Hija tixhed li ma semgħet l-ebda konversazzjoni bejn l-imputat u l-Pulizija. Tgħid li kellha qatgħa kbira fuqha u li minn dak in-nhar 'il quddiem qatgħet kull kuntatt mal-imputat.

[16] A fol. 62 tal-atti proċesswali
[17] A fol. 70 tal-atti proċesswali
[18] A fol. 72 tal-atti proċesswali
[19] A fol. 75 tal-atti proċesswali

**Gilbert Mercieca**[20] li kien ġie nominat minn din il-Qorti fis-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) sabiex jeżamina d-dokumenti mmarkati bħala 'Dok AM2' u 'Dok AM3' xehed u preżenta r-relazzjoni tiegħu li ġiet mmarkata bħala 'Dok GM1'[21]. Minn analiżi tar-relazzjoni tiegħu, jirriżulta li ġewwa 'Dok AM 2', kien hemm borża tal-plastik mkebba b'tape ta' lewn safrani, li kien fiha trab ta' lewn abjad, li kellha piż ta' tmienja u għoxrin punt tmienja grammi (28.8g), filwaqt illi ġewwa 'Dok AM 3', kien hemm borża tal-plastik kontenenti trab ta' lewn abjad, li kellha piż ta' zero punt tlieta tmienja grammi (0.38g). Saret analiżi fuq kampjuni ta' trab abjad meħudin mill-istess boroż u ġie konfermat li t-trab abjad huwa d-droga Kokaina, b'piż totali ta' disgħa u għoxrin punt tnejn sitta grammi (29.26g), b'purita ta' ħamsa u tletin fil-mija (35%) u valur fuq is-suq ta' elf, tmien mija u tlieta u sebgħin ewro (€1,873).

**Alvin Cardona**[22] li kien ġie nominat minn din il-Qorti sabiex jagħmel analiżi fuq żewġ *mobile phones* u SIM card xehed u preżenta r-relazzjoni tiegħu li ġiet immarkata bħala 'Dok AC1'[23]. Ix-xhud igħid li fiż-żewġ *mobile phones* kien hemm SIM cards u kien hemm SIM card li kienet għaliha. Ma setgħatx issir estrazzjoni mill-*mobile* phone tal-għamla Samsung S20+ minħabba li dan kellu *pattern lock* li ma ngħatax lilu, pero saret estrazzjoni tal-kontenut tas-SIM cards li kien hemm fih. Dwar il-*mobile phone* tal-għamla Nokia 230 ix-xhud igħid li huwa għamel estrazzjoni tal-kontenut ta' dan il-*mobile phone* u tas-SIM card li kien hemm fih. Jispjega li l-*call logs* u l-messaġġi ġew estratti permezz ta' *video* u l-filmat ġie eżebit f'DVD li ġie anness flimkien mar-rapport tiegħu.

**Roderick Grima**[24] xehed u stqarr li l-imputat huwa ħuh u għażel li ma jixhidx f'dawn l-proċeduri.

**Marvic Psaila**[25] xehdet f'isem ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u ppreżentat vera kopja ta' *bail conditions* li ngħataw fis-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsaatax (2019) mill-Maġistrat (illum Imħallef) Audrey Demicoli, fil-

[20] A fol. 103 tal-atti proċesswali
[21] A fol. 105 tal-atti proċesswali
[22] A fol. 119 tal-atti proċesswali
[23] A fol. 124 tal-atti proċesswali
[24] A fol. 141 tal-atti proċesswali
[25] A fol. 161 tal-atti proċesswali

konfront ta' Bjorn Grima, liema *bail conditions* tgħid li għadhom *in vigore*. Din id-dokumentazzjoni ġiet mmarkata bħala 'Dok MP1'[26].

L-**Ispettur Jeffrey Scicluna**[27] ġie muri d-dokument mmarkat bħala 'Dok MP1' u kkonferma li dawk huma l-kundizzjonjiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuq l-imputat minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Audrey Deimcoli, nhar is-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019). Ix-xhud igħid li dawk il-kundizzjonijiet ġew imposti f'kawża li fiha huwa wieħed mill-Uffiċjali Prosekuturi, liema kawża għada pendenti u tinsab fi stadju tal-provi tal-prosekuzzjoni. Huwa għaraf lill-imputat odjern bħala l-istess Bjorn Grima li fil-konfront tiegħu ġew imposti l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest murija f'Dok MP1';

<u>Id-difiża</u> ressqet is-segwenti xhud prinċipalment in sostenn tat-talba tagħha ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta:-

**Dr. Roberta Holland**[28] xehdet nhar il-ħmistax (15) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), fejn ippreżentat ir-rapport tagħha li ġie mmarkat bħala 'Dok RH1'[29]. Hija tgħid li l-imputat kien maħkum mill-vizzju ta' droga sa minn meta kellu għoxrin sena u għamel madwar ħmistax-il sena jagħmel użu mid-droga. Tispjega li huwa kien beda bil-Cannabis u wara kompla bil-Kokaina li kienet l-ikbar problema għalih. Tgħid li kien hemm numru ta' fatturi li ppredisponewh lejn l-użu tad-droga, fosthom in-nuqqas ta' ħiliet, nuqqas ta' edukazzjoni, ċertu ambjenti u mentalita li trabba fihom, li minnhom ma tgħallimx ħiliet biżżejjed. Issemmi ukoll li l-imputat kellu nstabilita' f'ħajtu, inkluż nuqqas ta' stabilita' fix-xogħol u fir-relazzjonijiet li kellu. Mir-relazzjoni tal-istess espert, jirriżulta ukoll li l-imputat kellu tendenza lejn il-vizzji, tant li fil-passat kien dipendenti ukoll mill-alkoħol u l-logħob tal-azzard.

Dr. Holland tgħid li l-imputat issa għandu sebgħa u tletin (37) sena u meta bdew dawn il-proċeduri kien għadu qiegħed jagħmel użu mid-droga. Tispjega li wara li nbdew il-proċeduri odjerni, l-imputat kien għamel kuntatt mal-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler, u stabilixxa kuntatt tajjeb ħafna miegħu, u beda

[26] A fol. 163 tal-atti proċesswali
[27] A fol. 181 tal-atti proċesswali
[28] A fol. 187 tal-atti proċesswali
[29] A fol.190 tal-atti proċesswali

jmur il-*Caritas* ukoll. Hija tgħid li l-imputat issa ilu wieqaf mis-sustanzi għal kważi sentejn u dan juri li huwa għamel progress notevoli. Apparti dan, kien hemm ukoll progress f'aspetti oħra f'ħajtu, u dan għaliex baqa' jaħdem fl-istess xogħol, u qiegħed jieħu x-xogħol b'iktar serjeta', u qata' min ħajtu affarijiet li jistgħu jservu ta' tentazzjoni jew li huma ta' riskju li jirkadi. Tgħid li huwa importanti, li huwa jkompli għaddej bil-laqgħat li għandu mal-Caritas, kif ukoll li jibqa' taħt il-ħarsien u gwida ta' persuna professjonali, sabiex ikompli jikkonsolida l-progress li għamel.

**L-istqarrija tal-imputat[30]**

L-imputat irilaxxa stqarrija nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), fil-preżenza ta' PC 1124 Steve Borg, wara li ngħata t-twissija mill-Ispettur Alfredo Mangion, li ma huwiex obbligat li jwieġeb għad-domandi li ser isirulu, iżda dak kollu li jgħid jitniżżel bil-miktub u jista' jinġab bħala prova. Huwa ngħata ukoll Ittra bid-drittijiet tiegħu, u għażel li jikkonsulta ma avukat tal-għażla tiegħu qabel l-istqarrija, kif ukoll għażel li jkollu l-avukat tiegħu preżenti waqt it-teħid tal-istqarrija.

Huwa jgħid li jaħdem bit-taxi u igħix ma ommu l-Belt Valletta. Igħid li karozzi m'għandux u li kien ilu tliet (3) xhur juża l-vettura ta' ħuh Roderick. Igħid illi l-vettura li kien fiha meta waqfuh il-Pulizija, tal-għamla Kia Sportage bin-numru ta' reġistrazzjoni CCO 131, hija ta' ħuh. Igħid li dakinhar kien tiela' ġurnata Għawdex sabiex jiekol u jixrob flixkun inbid u jinżel l-għada filgħodu. Mistoqsi fejn kien ser joqgħod Għawdex, igħid li kellu jikri post waqt li jkun Għawdex. Huwa ammetta li d-droga li nstabet fil-vettura kienet tiegħu u li hija d-droga Kokaina. Jiċħad li d-droga kien ser igħaddiha lil xi ħadd ieħor, u jgħid li dik kienet għalih għaliex juża ħafna droga kokaina u anke jagħmel pipa biha. Igħid li ilu jabbuża mid-droga seba' (7) snin.

Igħid ukoll li d-droga li nstabet għandu kien xtraha għall-prezz ta' elf, tliet mija u ħamsin ewro (€1350), bil-prezz ta' ħamsa u erbgħin ewro (€45) il-gramma. Mistoqsi mingħand min kien xtraha, huwa għażel li ma jweġibx. Huwa kkonferma li juża l-*mobile phones* tal-għamla *Samsung* u tal-għamla *Nokia* li nstabu għandu, iżda mistoqsi igħid x'kienet il-*password*, għażel li ma jweġibx. Igħid li Brenda ma kinetx taf li kellu dik is-sustanza miegħu fil-karozza. Igħid li kien jieħu d-droga minn wara daharha u li ma tantx kien ilu joħroġ magħha. Ikkonferma li d-droga

[30] A fol. 12 tal-atti proċesswali

hija tiegħu. Huwa kkonferma wkoll li waqt it-tfittxija fir-residenza tiegħu ġewwa tas-Sliema, instabet *sachet* żgħira bid-droga kokaina, u jgħid li dik kienet mibdija u li kien insieha. Huwa jgħid li dik kien xtraha għall-prezz ta' ħamsin ewro (€50), iżda mistoqsi minn fejn xtraha, għażel li ma jirrispondix.

Huwa kkonferma ukoll li l-Pulizija elevaw mingħandu l-ammont ta' disa' mitt ewro (€900). Mistoqsi għaliex kellu dak l-ammont ta' flus fuqu, igħid li huwa jaħdem bit-*taxi* u jitħallas bi flus kontanti. Igħid li n-numru tat-*taxi* li jagħmel użu minnha hu TAXI 038M. Igħid li t-*taxi* kien għadu kif neħħieha dik il-ġimgħa, peress li naqas ix-xogħol, u ġieli kien qiegħed jagħmel xi vjaġġi bil-KIA u għalhekk xorta kien qiegħed jaqla' lira għax iċemplulu l-klijenti tat-*taxi*. Huwa jiċħad li kien qiegħed jiġġestixxi attivita' illegali marbuta ma traffikar ta' droga, iżda jgħid li dik d-droga kien ser jeħodha hu personalment. Igħid li minn meta qabad il-vizzju tad-droga, intela' bid-dejn. Mistoqsi jekk kienx hu li kien kebbeb id-droga bit-*tape* huwa jagħżel li ma jweġibx, u lanqas ma wieġeb meta mistoqsi jgħid għaliex kien kebbeb id-droga b'dak il-mod. Mistoqsi dwar ċavetta ta' vettura oħra li nstabet fil-vettura li kien qiegħed isuq, u dwar ċwievet oħra li nstabu għandu, huwa jagħżel li ma jweġibx. Igħid li huwa għandu bżonn l-għajnuna sabiex jegħleb il-vizzju tal-kokaina. Jikkonferma li huwa għandu proċeduri l-Qorti, iżda jgħid li skond il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li għandu f'dawk il-proċeduri, huwa suppost jirrisjedi l-Belt Valletta mhux tas-Sliema kif suġġerit lilu. Mistoqsi minn fejn kien ġab l-elf u tliet mija u ħamsin ewro (€1350), sabiex jixtri d-droga, igħid li d-droga kien ħadha bid-dejn u jgħid li għandu jagħti xi għaxart elef ewro (€10,000). Jikkonferma li huwa marbut bil-ħinijiet tar-rinkażar, minn nofs il-lejl sas-sebgħa ta' filgħodu (7 a.m) u mistoqsi jekk kienx informa lill-Pulizija li kien ser jagħmel lejl Għawdex, huwa għażel li ma jweġibx.

**Ikkunsidrat:**

**L-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni**

Illi kif jirriżulta mit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża ma hijiex qegħda tikkontesta l-pussess 'sempliċi' tad-droga kokaina, minkejja li ma ġietx reġistrata ammissjoni formali għal dik l-imputazzjoni, iżda qegħda tikkontesta l-imputazzjoni ta' pussess 'aggravat' tad-droga kokaina u dan għaliex id-difiża tikkontendi li l-provi miġjuba mill-prosekuzzjoni ma jwaslux għal tali reat.

Illi jirriżulta li nhar l-għoxrin (20) ta’ Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), l-imputat kien fil-vettura tal-għamla Kia Sportage bin-numru ta’ reġistrazzjoni CCO 131, flimkien mal-ħabiba tiegħu Brenda Muscat. Għall-ħabta tas-sitta ta’ filgħaxija (6:00p.m.), filwaqt li kienu fit-terminal taċ-Ċirkewwa, il-vettura tagħhom ġiet imwaqqfa mill-Pulizija. Saret tfittxija fuq il-persuna ta’ Brenda Muscat iżda ma nstab xejn illegali. Saret ukoll tfittxija fuq il-persuna tal-imputat, li kien ix-xufier tal-istess vettura u fuqu nstabet is-somma ta’ disa’ mitt ewro (€900) fi flus kontanti u *mobile phone* tal-għamla Samsung.

Wara saret tfittxija fil-vettura, fejn instab *mobile phone* tal-għamla Nokia, roll *masking tape* u romblu miksi bil-*masking tape* li rriżulta li kien fih tmienja u għoxrin gramma punt tmienja grammi (28.8g) kokaina. Saret ukoll tfittxija fir-residenza tal-imputat, ġewwa Triq Ġafar, Tas-Sliema u fil-kċina nstabet borża li fiha rriżulta li kien hemm zero punt tlieta tmienja grammi (0.38g) kokaina. Għaldaqstant irriżulta li l-piż totali tad-droga li nstabet għand l-imputat kien ta’ disgħa u għoxrin punt tnejn sitta grammi (29.26g), b’purita ta’ ħamsa u tletin fil-mija (35%) u valur fuq is-suq ta’ elf, tmien mija u tlieta u sebgħin ewro (€1,873). L-imputat stess fl-istqarrija tiegħu jgħid li d-droga kienet tiegħu, iżda igħid li dik kienet għal użu personali tiegħu. Għaldaqstant, m’hemmx dubju li fil-jum in kwistjoni, l-imputat kien fil-pussess tad-droga kokaina. Dak li jeħtieġ li jiġi deċiż minn din il-Qorti, għalhekk, huwa jekk tali pussess kienx wieħed aggravat u dan fis-sens illi d-droga misjuba ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tal-istess imputat.

Jingħad illi sabiex persuna tinsab ħajta ta’ pussess aggravat, il-prosekuzzjoni ma hijiex tenuta tipprova li l-imputat kellu l-intenzjoni jispaċċa d-droga. Illi kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lawrence Fabri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta’ April tas-sena elfejn u sbatax (2017):

> *'Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta’ spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta’ dritt li iressaq il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq*

*"possession with intent to supply", bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioe' li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il-pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta l-ispacc. Illi ghalhekk ghalkemm kif inghad, hemm din id-distinzjoni fina bejn il-legislazzjoni taghna u dik Brittanika, l-prova hija l-istess dwar l-inferenza li tista' issir mill-gudikant. Madanakollu jerga' jigi ribadit illi l-prova fil-ligi ingliza hija wahda iktar iebsa fuq il-Prosekuzzjoni li trid necessarjament tipprova l-intenzjoni ta l-ispacc kuntrarjament ghal-ligi taghna fejn l-intenzjoni trid tkun tali li tindika li din ma kenitx ghall-uzu esklussiv tal-hati."*

Kif ingħad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Mallia**, deċiża fit-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999), mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

> *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu ekslussiv tal-hati."*

Kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Marius Magri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa (2005), kawżi li jikkonċernaw imputazzjonijiet ta' pussess aggravat:

> *"… … mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-*

*prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista' skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed*[31] *(Ara App. Krim. "***Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio"** *(26.8.1998)."*

Illi pero kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana** deċiża fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002),

*"Kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli".*

Kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997), fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

*" ... l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."*

[31] Enfasi ta' din il-Qorti

Fil-każ in eżami, kif ingħad, il-Prosekuzzjoni ressqet il-prova fil-grad rikjest mill-liġi, kemm tal-ammont tad-droga misjuba, kif ukoll tal-pussess tal-istess droga. Il-Qorti tqis li l-ammont ta' tmienja u għoxrin gramma punt tmienja grammi (28.8g) kokaina, misjub fil-pussess tal-imputat, hekk kif kien barra mir-residenza tiegħu, ċertament ma huwiex ammont li wieħed normalment jassoċjah ma użu personali.

Fir-rigward, il-Qorti tqis ukoll illi minkejja li jirriżulta mill-atti li l-imputat kien dipendenti fuq id-droga fiż-żmien tal-każ odjern, jibqa' l-fatt, fil-fehma tagħha, illi l-imputat ma ġabx prova, imqar sal-grad tal-probabli, sabiex jiġġustifika l-fatt illi fuq il-persuna tiegħu, huwa kellu tmienja u għoxrin gramma punt tmienja grammi (28.8g) kokaina, meta kien fil-vettura tiegħu, fit-terminal taċ-Ċirkewwa. L-imputat igħid fl-istqarrija tiegħu, li huwa kien tiela' Għawdex sabiex jiekol, jixtri flixkun inbid u jinżel filgħodu, u għaldaqstant il-fatt li l-imputat kellu fil-pussess tiegħu dak l-ammont ta' droga kokaina ċertament li ma huwiex rikonċiljabbli ma pussess għall-użu personali għall-lejl wieħed li l-imputat kien ser iqatta' ġewwa Għawdex. L-imputat kellu ċertament iżjed droga milli kien jeħtieġ għall-konsum tiegħu f'lejl wieħed.

Illi *in oltre*, il-Qorti ma tistax ma tieħux kont u tqis bħala fatturi sinjifikanti ukoll li fil-pussess tal-imputat instab roll *masking tape*, simili għal dak li fih kienet imgeżwra d-droga, kif ukoll il-fatt li fil-pussess tal-imputat instabu żewġ *mobile phones*, wieħed minnhom moħbi taħt is-*seat* tax-xufier, kif ukoll l-ammont ta' disa' mitt ewro (€900) fi flus kontanti. L-imputat igħid li huwa jaħdem bit-taxi u jdaħħal il-flus kontanti. Madanakollu imbagħad igħid li t-taxi kien neħħieha dik il-ġimgħa peress li naqas ix-xogħol u igħid li qiegħed jagħmel xi vjaġġi bil-karozza ta' ħuh. Il-Qorti tinnota ukoll li għalkemm fil-bidu tal-istqarrija tiegħu, l-imputat igħid li xtara d-droga li nstabet fuqu għall-prezz ta' elf tliet mija u ħamsin ewro (€1350) u dik li nstabet fid-dar tiegħu għall-prezz ta' ħamsin ewro, sussegwentement meta ġie mistoqsi kif kien nefaq dawk il-flus kollha f'daqqa fid-droga meta kien neħħa t-taxi għax naqas ix-xogħol, huwa jirrispondi li kien ħadhom bid-dejn, għax igħid li għandu dejn ta' madwar għaxart elef ewro. Il-Qorti tqis li ftit li xejn huwa kredibbli dak li jingħad mill-imputat dwar il-flejjes elevati mill-pussess tiegħu fi triqtu lejn Għawdex, meta l-imputat lanqas ma kellu xogħol li jassigura dħul raġjonevoli u l-imputat stqarr li għandu ħafna dejn.

Meqjusa dawn il-fatturi kollha flimkien, il-Qorti tqis illi ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li d-droga misjuba fil-pussess tal-imputat ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu. Għaldaqstant il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni kif miġjuba kontra l-imputat, tirriżulta sodisfaċentement ippruvata fil-grad rikjest mill-liġi.

F'dan il-kuntest, jirriżulta wkoll ir-reat ta' pussess 'sempliċi' tad-droga kokaina u għaldaqstant it-tieni imputazzjoni ukoll ġiet sodisfaċentement ippruvata, iżda din ser tiġi meqjusa bħala assorbita fl-ewwel (1) imputazzjoni.

**It-tielet imputazzjoni**

Illi permezz tat-tielet (3) imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat li kiser waħda mill-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Audrey Demicoli, nhar is-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), u cioe' dik li ma jikkommettix reat ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest.

In sostenn ta' din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lil **Marvic Psaila**[32] li xehdet f'isem ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u ppreżentat vera kopja ta' *bail conditions* li ngħataw fis-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsaatax (2019) mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Audrey Demicoli, fil-konfront ta' Bjorn Grima, liema *bail conditions* ix-xhud tgħid li għadhom *in vigore*. Din id-dokumentazzjoni ġiet mmarkata bħala 'Dok MP1'[33]. Illi jirriżulta li l-kundizzjoni numru erbgħa (4) fl-imsemmi digriet taqra hekk:- *"Li ma tikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li tkun mehlus mill-arrest ".*

Il-prosekuzzjoni ressqet ukoll bħala xhud lill-**Ispettur Jeffrey Scicluna**[34] li ġie muri d-dokument mmarkat bħala 'Dok MP1' u kkonferma li dawk huma l-kundizzjonjiet tal-ħelsien mill-arrest li ġew imposti fuq l-imputat nhar is-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019). Ix-xhud igħid li dawk il-kundizzjonijiet ġew imposti f'kawża li fiha huwa wieħed mill-Uffiċjali Prosekuturi, liema kawża għada pendenti u tinsab fi stadju tal-provi tal-prosekuzzjoni. Huwa għaraf lill-

[32] A fol. 161 tal-atti proċesswali
[33] A fol. 163 tal-atti proċesswali
[34] A fol. 181 tal-atti proċesswali

imputat odjern bħala l-istess Bjorn Grima li fil-konfront tiegħu ġew imposti l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest murija f'Dok MP1';

Una volta li l-imputat qiegħed jinstab ħati li wettaq ir-reati kontemplati fl-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni, fil-perjodu li huwa kellu l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest bis-saħħa ta' digriet mogħti minn dak iż-żmien il-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Audrey Demicoli maħruġ nhar is-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), jirriżulta li huwa għandu jinstab ħati tat-tielet (3) imputazzjoni.

**Dwar il-piena**

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom il-fedina penali aġġornata tal-imputat, in-natura tal-imputazzjonijiet li tagħhom qiegħed jinstab ħati, l-ammont ta' droga misjuba u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Qieset ukoll illi l-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler preżenta diversi noti dwar l-andament tal-imputat u dan fid-dawl tal-Ordni Temporanja ta' Superviżjoni maħruġa minn din il-Qorti fil-konfront tiegħu nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021). Minn dawn in-noti jirriżulta li l-imputat irrenda ruħu disponibbli sabiex isegwi kull direttiva tal-Uffiċjal tal-Probation, kien iżomm kuntatt mal-Caritas fis-sessjonijiet tal-*counselling* u kien iħalli kampjuni tal-awrina hekk kif mitlub.

Tqis ukoll li din il-Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u li l-imputat kien ġie riferut quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, kif ukoll il-fatt li l-Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat u għalaq il-każ tiegħu b'suċċess.

Tqis li mill-provi mressqa fl-atti proċesswali jirrizulta, tal-inqas fuq bilanċ ta' probabiltajiet, li r-reat ta' pussess aggravat ta' droga kokaina, li dwaru qiegħed jinsab ħati l-imputat, kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga. Għalhekk tenut kont li din il-Qorti hija sodisfatta li jirriżulta l-kriterju msemmi fl-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ai termini tal-istess sub-artikolu, tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-

sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija, li huma altrimenti applikabbli għar-reat ta' pussess aggravat tad-droga li tiegħu qiegħed jinstab ħati l-imputat.

Tqis ukoll li l-prosekuzzjoni qegħda titlob sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti tordna r-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-imputat, kif ukoll tordna li s-somma totali ta' erbatax-il elf ewro (€ 14,000) igħaddu favur il-Gvern ta' Malta u dan ai termini tal-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li:-

> *"2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta'erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat."*

Illi ai termini ta' din id-disposizjoni tal-Liġi, jirriżulta ċar illi l-konfiska tal-ammont stabbilit fid-digriet għall-ħelsien mill-arrest taħt garanzija hija tassativa. Madanakollu huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tiddeċiedi jekk dan l-ammont għandux jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu.

Il-Qorti tqis li l-kondizzjonijiet imposti fuq l-imputat meta huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest iridu jiġu osservati skrupolożament u l-ksur ta' dawn il-kondizzjonijiet mill-imputat ma kienx wieħed li jista' jiġi trattat bħala nuqqas leġġer. Illi madanakollu in vista tal-premessi kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li għandha tordna l-konfiska biss ta' parti mill-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija li ngħata l-imputat.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dina l-Qorti, wara li rat it-Taqsima IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i)(ii) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti erbgħa (4) u disgħa (9) tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 8 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament Mhux

Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikoli 17, 533 u 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputat **Bjorn Grima** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u qegħda tikkundannah għall-piena ta' sentejn priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tiġi sospiża għal żmien tliet (3) snin mill-llum, kif ukoll multa ta' tlett elef u sitt mitt ewro (€3600).

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali il-multa tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u ħamsin ewro (€150). F'kaz li l-ħlas ikun ser isir b'rati mensili, il-multa hawn imposta għandha titħallas fi żmien ħamsa u għoxrin (25) xahar u l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mill-llum, b'dana li jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, l-ammont sħiħ jew kwalunkwe bilanċ rimanenti jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċari u sempliċi, il-konsegwenzi skont il-liġi kemm-il darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta ta' parti tal-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u għalhekk qegħda tordna l-konfiska tas-somma ta' tlett elef ewro (€3000) rappreżentanti parti mid-depożitu mpost fid-digriet mogħti minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Audrey Demicoli nhar is-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019). Il-Qorti qegħda tiċħad it-talba tal-prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-imputat.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħati iħallas lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali is-somma ta' elf seba' mija u tlieta u għoxrin ewro u tliet ċenteżmi (€1723.03), rappreżentanti l-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatra tal-esperti Gilbert Mercieca[35], Alvin Cardona[36] u Dr. Roberta Holland[37], f'dawn il-proċeduri, liema somma għandha titħallas fi żmien tmien (8) xhur mid-data ta' din is-sentenza.

---

[35] Mir-relazzjoni ta' Gilbert Mercieca, immarkata bħala 'Dok GM 1' u nserita a fol. 105 tal-atti proċesswali, jirriżulta li l-ispejjeż jammontaw għal tliet mija u erbgħa u ħamsin ewro (€354).

[36] Mir-relazzjoni ta' Alvin Cardona, immarkata bħala 'Dok AC 1' u nserita a fol. 124 tal-atti proċesswali, jirriżulta li l-ispejjeż jammontaw għal tmien mija u ħamsa u ħamsin ewro u tmenin ċenteżmu (€855.80).

[37] Mir-relazzjoni ta' Dr. Roberta Holland, immarkata bħala 'Dok RH 1' u nserita a fol. 190 tal-atti proċesswali, jirriżulta li l-ispejjeż jammontaw għal ħames mija u tlettax-il ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€513.23).

Il-Qorti qegħda tordna l-konfiska tal-flus eżebiti bħala ‘Dok AM1’ favur il-Gvern ta’ Malta.

Il-Qorti qegħda tordna ukoll id-distruzzjoni tas-sustanzi esebiti hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta’ din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m’għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta’ ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) għall-Artikolu 8 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga, Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti qegħda tordna komunika ta’ din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, anke bil-għan li l-istess tiġi nserita permezz ta’ nota fl-atti fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Saviour Baldacchino u Spettur Jeffrey Scicluna) -vs-Bjorn Grima* (Kumpilazzjoni numru 295/2019) pendenti quddiem din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Astrid May Grima.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara